MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 387/2003

**Charles Mercieca & Co. Ltd.**

**vs**

**J.G.S. Furniture Ltd.**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' elf u tmien mitt lira Maltin (Lm1,800) rapprezentanti import ta' cheques bin-numri 5388, 5390, 5391 u 5392 datati 1 ta' Dicembru 2002, 11 ta' Jannar, 2003, 1 ta' Frar, 2003 u 1 ta' Marzu, 2003, kull wiehed minn dawn ic-cheques fl-ammont ta' erba' mija u hamsin lira Maltin (Lm450), liema cheques ma gewx onorati mill-bank.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 27 ta' Gunju, 2003 u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-ewwel

cheque sad-data ta’ l-effettiv pagament, kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx, la fid-19 ta’ Novembru, 2003, meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------